SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 18/K10/25

Data tal-laqgħa: 14 ta' Lulju 2025

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Victor Vella – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
David Caruana - Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier
Sean Gauci - Viċi Sindku

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (2)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

18.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**18.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

18.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 17/K10/25.

18.2.02 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando xtaq li jiżdied il-punt li waqt il-laqgħa li għaddiet ippropona li fi Triq Birkirkara tiżdied zebra crossing faċċata tal-petrol station il-ġdida.

18.2.03 Il-Kunsillier Victor Vella ressaq il-punt li 17.3.03 għandha tiżdied 'ċertu toroq ser jingħataw t-tarmak' filwaqt li dwar il-punt 17.3.10 għandha tiġi rranġata 'li jista' jsir fid-daħla tal-Bajja ta San Giljan'

18.2.04 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ppropona l-Minuti.

18.2.05 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssekondat.

18.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

18.2.07 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li s-Sinjorina Cher Carmen Fenech laħqet Segretarju Eżekuttiv b'effett mil-1 ta' Lulju filwaqt li qara email mingħand is-Sur Malcolm Agius Muscat li kien Aġent Segretarju Eżekuttiv sa' l-aħħar ta' Ġunju 2025. Iċ-Ċermen irringrazzja lis-Sur Agius Muscat u ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra ta ringrazzjament lis-Sur Malcolm Agius Muscat filwaqt li jinxtara rigal żgħir bħala ringrazzjament.

**18.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

18.3.01 Ix-xogħol tal-latrini, fejn nforma lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-latrina ta' Spinola miexi sew filwaqt li nforma li wara l-laqgħa li saret mal-Cleansing and Maintenance Division fejn ġejna nfurmati li fi żmien ftit snin il-latrini ta' Malta kollha ser issiru ser jsiru self cleaning però sa dak inhar għandha nkomplu bix-xogħol tal-latrina ta' Spinola, tiġi rranġata tal-Balluta u jinħareġ it-tender normali. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Kunsill għandu jsib xi persuni li jkunu lesti li jkunu *attendants* fil-latrina.

18.3.02 Ic-Ċermen ppreżenta survey dwar il-Kumpless Dun Anton Sciberras. Għalhekk ġie deċiż li l-Kunsill japplika għal fondi tal-UIF.

18.3.03 Dwar Ġnien Saver Zarb, iċ-Ċermen informa lil kunsilliera li kien hemm qbil dwar l-injam għalhekk suppost ix-xogħol ser jkompli.

18.3.04 Iċ-Ċermen nforma li l-mobile toilets tpoġġew f'Xatt is-Sajjieda u qed jitnaddfu kuljum ukoll filwaqt li ser jitpoġġa l-fustun bħal kull sena.

18.3.05 Rigward The Exterminator, c-Ċermen nforma li twaħħlu l-bramel f'Ta' Giorni, fil-Ġnien f'Ta' Giorni kif ukoll Balluta madanakollu ġewwa l-bandli ma twaħlux minħabba l-velenu li fihom u jkunu ta' periklu ghat-tfal. Għalhekk ġie deċiż li l-bramel li suppost kienu ser jitwahlu fil-bandli għandhom jitpoġġew fi Ġnien Saver Zarb meta dan ikun lest. Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssuġġerit li għandha tintbagħat ittra lid-dar tal-anzjani Casa Leone sabiex jiġu mitluba jagħmlu dawn il-bramel.

18.3.06 Il-Kunsilliera ġew nfurmati li l-laqgħat mingħand l-Anzjanità Attività mar-residenti qed ikunu ta suċċess u dawn qed issiru fil-boardroom tal-Kunsill.

18.3.07 Dwar il-bust ta' Dun Anton Sciberras, il-Kunsilliera ġew nfurmati li dan ix-xahar ser jiltaqa' l-kumitat tal-Kurja u ser jiddeċiedi fuq il-post.

18.3.08 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera dwar iz-Zebra Crossings fil-lokalità fejn ppreżenta rapport taz-Zebra Crossings ta' San Ġiljan kollha biex dawn isirilhom l-belishia lights u l-manutenzjoni meħtiega. Il-Kunsillier Mario Amaira issuġġerixxa li jiġi ċċekkjat jekk jistgħux isiru bis-solar u iz-zebra Crossings isiru bil-*cobblestones*. Ic-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li qed jerġgħu jinżebgħu iz-Zebra Crossings tal- lokalità.

18.3.09 Ic-Ċermen informa lill-Kunsilliera li x-xogħolijiet tal-Public Works ser jibdew dalwaqt u l-Kunsill qed jipprova jaqagħad ċertu xogħolijiet flimkien sabiex ikun hemm *Responsability Form* waħda.

18.3.10 Ġie deċiż li fit-toroq d-dojoq tal- lokalità għandhom jitpoġġew tabelli li ma jistax jidħlu trakkijiet kbar.

18.3.11 Iċ-Ċermen nforma li l-kwotazzjoni ta' HalMann fir-rigward il-pavimentar tat-toroq tal-*Village Core* għandha tintbagħat din il-ġimgħa.

18.3.12 Dwar l-kors tas-*self defence* dan ser issir fil- 25 Ta' Lulju fis-6.00p.m. ġewwa s-sala tal-Każin tal-Banda San Giljan.

18.3.13 Dwar Triq Patrick Brydone, c-Ċermen informa lill-Kunsilliera li l-bollard saret bi bżonn għax qed jidħol l-ilma għand ir-resident kif ukoll minħabba t-tappiera bil-wires li tinsab eżatt ħdejn il-bollard. Għalhekk ic-Ċermen qara l-korrispondenza li saret mar-Regjun Lvant dwar dan is-suġġett għal-attenzjoni tal-Kunsilliera.

18.3.14 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li l-familjari ta' Chantalle Gauci ma jixtiequx li tisemma t-triq għaliha għalhekk ġie deċiż li l-isem tat-triq għandu jibqa' kif inhu.

18.3.15 Dwar ic-CCTV Cameras, ic-Ċermen nforma li kellu laqgħa ma' persuna professjonali dwar dan is-suġġett. Hu issuġġerixxa li minflok isiru ammont kbir ta' cameras f'daqqa jsiru ftit ftit bħala esperiment u dawn għandhom jkunu taħt l-attenzjoni tal-LESA. Kull kamera kompluta tiġi madwar elf Euro madanakollu l-Kunsill għandu jiċċekkja il-prezz f'każ li l-camera ma tkunx fuq arblu. Il-Kunsilliera ġew nfurmati ukoll li l-Kunsill jkollu 35% min kull ċitazzjoni li tingħata, madanakollu hemm bżonn id-dawl u dan għandha ssir jew b'applikazzjoni temporanju mal-Enemalta jew inkella għand xi resident li jaċċetta. Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill għandu jiċċekkja jekk hux l-aħjar li dawn il-cameras ikunu jaħdmu bis-solar jew bid-dawl. Ġie deċiż ukoll li l-Kunsilliera għandhom jibagħtu 2 postijiet kull wieħed fejn l-iktar li jixtiequ li dawn isiru.

18.3.16 Dwar il-knis, ic-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li ser issir laqgħa mad-Direttur tal-Cleansing Services Directorate, is-Sur Ramon Deguara, nhar il-Ġimgħa 18 ta' Lulju 2025 u li għal din il-laqgħa ser jattendu is-Sindku u l-Minority Leader Mario Amaira. Ser jintalab ukoll li jintbagħatu kenniesa bil-makkinarju tagħhom fi Triq il-Kbira fejn sar ix-xogħol ta' trenching. Il-Kunsilliera ġew nfurmati li l-Kunsill xtara *power wash.*

18.3.17 Inġibed għal-attenzjoni tal-Kunsill email mingħand il-Perit dwar ix-xogħolijiet fil-bini tal-uffiċċju tal-Kunsill u l-Kunsilliera ġew nfurmati li ser issir laqgħa dwar ix-xogħolijiet neċessarji.

18.3.18 Ic-Ċermen ressaq talba dwar il-Ġostra f'San Giljan dwar talba għal għajnuna. Il-Kunsill qabel unanimament dwar din it-talba filwaqt li ġie deċiż li għandu jkun hemm xi tip ta' *banner* tal-Kunsill Lokali waqt l-attività.

18.3.19 Iċ-Ċermen ressaq talba mingħand impjegata tal-Kunsill għal-leave ta' responsabiltà. Il-Kunsill qabel unanimament però qabel is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekkja mad-Dipartiment għal-Gvern Lokali sabiex tivverifika jekk qabel għandux jittieħed il-leave li għandha l-impjegata.

18.3.20 Iċ-Ċermen informa dwar talba li rċieva sabiex jsiru *courses* mingħand Għaqal id-dar, ħajja aħjar u ġie deċiż li jekk l-Kunsill m'għandux joħroġ flus il-Kunsill jaqbel li jsiru dawn il-*courses.*

18.3.21 Iċ-Ċermen ressaq direttiva mingħand Transport Malta dwar il-ħinijiet tax-xogħolijiet tas-sinjali tat-toroq f'Malta.

18.3.22 Iċ-Ċermen ressaq email dwar l-European Week of Sports. Ġie deċiż li l-Kunsill japplika għal din l-attività.

18.3.23 Saret riferenza għal korrispondenza li l-Kunsill irċieva dwar talba għal Alighting /Boarding fi Triq il-Mensija. Minħabba li din it-talba ġiet mingħand boutique Hotel u minħabba n-nuqqas ta' parking fil-lokalita ġie deċiż li l-Kunsill ma jaċċettax din it-talba madanakollu l-Kunsill jaċċetta li ssir *junction box* ikun jista' jgħaddi wheelchair ħdejn il-*mobility lifter* li ser jiġi nstallat.

18.3.24 Iċ-Ċermen ressaq talba biex jiġi ċelebrat haloween u wara diskussjoni ġie deċiż li s-Sindku għandu jagħmel laqgħa mal-persuna konċernata.

18.3.25 Il-Kunsillier David Caruana wasal fis-6.35p.m.

18.3.26 Iċ-Ċermen ressaq korrispondenza dwar il-proġett ta' Pjazza Spinola. Il-Kunsill qabel li din l-applikazzjoni għandha titwaqqa'.

18.3.27 Il-Kunsillier Carlo Mifsud wasal fis-6.48p.m.

18.3.28 Ic-Ċermen ressaq korrispondenza mibgħuta mill-Pulizija tal-Komunità rigward *Advertising Shelter* li nbena llegali fi Triq San Ġorġ.

18.3.29 Ic-Ċermen ressaq żewġ talbiet li l-Kunsill irċieva fir-rigward talba għal-għajnuna ħabba l-festa ta' San Giljan. Ġie deċiż li l-Kunsill jaċċetta dawn iż-żewġ talbiet kif ukoll li dawn l-attivitajiet jiġu reklamati fuq il-midja soċjali tal-Kunsill.

***18.4 Tweġiba għal-Management Letter***

18.4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għal-attenzjoni tal-Kunsill ir-risposta dwar il-Management Letter.

18.4.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni.

18.4.03 Il-Kunsillier Victor Vella ssekonda

18.4.04 Il-Kunsill qabel dwar din il-materja.

***18.5 Ingaġġ ta' Skrivan/a Full-Time***

18.5.01 Ic-Ċermen nforma li kien hemm persuna li applikat għal vakanza fil-Kunsill tagħna bħala skrivan u saret l-intervista miegħu.

18.5.02 Ic-Ċermen ippropona li din il-persuna tiġi aċċettata bħala impjegat fil-Kunsill Lokali San Giljan minħabba li għandha l-kwalifiċi kollha mitluba.

18.5.03 Il-Kunsillier Mario Amaira ssekonda.

18.5.04 Il-Kunsill qabel.

**18.6 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

18.6.01 Ic-Ċermen ippropona li s-Sinjura Marilyn Demanuele tilħaq Deputat Segretarju Eżekuttiv minħabba li hi l-unika impjegata fil-Kunsill li tista' tokkupa din il-pożizzjoni.

18.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament.

**18.7 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

18.7.01 Il-Kunsillier Mario Amaira staqsa dwar meta ser issiru x-xogħolijiet tal-għajn taż-żwiemel kif ukoll l-arloġġ tal-pjazza.

18.7.02 Il-Viċi Sindku Sean Gauci telaq fis-7.09p.m.

18.7.03 L-Kunsillier Victor Vella talab ukoll li jkollu informazzjoni dwar il-One-Way ta' Triq il-Bajja u c-Ċermen nfurmah li din għandha tkun diskussa waqt laqgħa informali.

Il-Kunsillier Victor Vella ġibed l-attenzjoni ukoll dwar is-siġar li jinsabu perikolużi fil-Pjazza tal-Balluta u ġie nfurmat mis-Segretarju Eżekuttiv li dawn ġew r-rappurtati diġà.

18.7.04 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li c-chats li kellhom bejn il-Kunsilliera jerġgħu jinfetħu madanakollu s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-ewwel ser tistenna d-direttiva mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali dwar jekk hi u l-istaff jistgħux ikunu f'dawn ic-chats.

18.7.05 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando talab li jkun jaf meta ser jkunu organizzati l-area meetings u c-ċermen nfurmah li l-aħjar żmien li jsiru hu bejn Settembru u Diċembru. L-istess Kunsillier staqsa ukoll għal-aktar informazzjoni dwar il-maratona biex issir fl-għeluq is-sena mill-mewt tal-ex-Sindku Karl Gouder, liema talba l-Kunsill

kien iddiskuta fil-laqgħat preċedenti. Il-Kunsillier Borg Ferrando ġie nfurmat li l-Kunsill ser jitkellem mal-persuna li kienet għamlet din it-talba. Il-Kunsilier Gabriel Borg Ferrando ssuġġerixxa li għandu jsir bust għal-Karl Gouder madanakollu l-Kunsill ma qabilx. Ġie deċiż ukoll li għandha ssir plakka fuq il-bank fejn xi ftit snin ilu kien miet turist b'mod traġiku fi Triq Ġorġ Borġ Olivier.

18.7.06 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri issuġġeriet li l-attività li l-Kunsill jorganizza għal-Ghawdex fi żmien il-Milied għandha għal darba bi prova ssir nhar ta' Ħadd u mhux matul il-ġimgħa. Fir-rigward il-graffiti ta taħt l-arkati ta ħdejn il baħar tal-Balluta, ġie deċiż li s-Sindku għandu jagħmel laqgħa ma' persuna li tista' tagħmel din it-tpinġija.

Il-Kunsilliera Camilleri staqqsiet dwar il-possibilità li ssir latrina pubblika f'Paceville u ċ-Ċermen informa li din it-talba kienet diġà ġiet diskussa waqt il-laqgħa ta' Paceville Town Centre Management u fil-laqgħa li kellu mal-Cleansing and Maintenance Division, l-Kunsill ġie nfurmat li hemm il-ħsieb li tinfetaħ waħda fi Triq Wilġa aktar il-quddiem.

Dwar is-saħħa mentali l-Kunsilliera Patricia Camilleri pproponiet li l-Kunsill għandu jagħti taħriġ lill-istaff kif ukoll lill-istess Kunsilliera dwar is-sintomi tas-saħħa mentali. Il-Kunsill qabel li dawn isiru.

Fuq suġġeriment tal-Kunsilliera Camilleri, l-Kunsill qabel li l-arkata li hemm ġol-parking ta' Triq Wilġa għandha tiġi rappurtata lill-Heritage.

18.7.07 Il-Kunsillier David Caruana staqsa min hu l-EU Funds Manager tal-Kunsill u dan ġie nfurmat li fil-Kunsilli ma hemmx managers madanakollu d-dekassteru ta' dawn il-fondi jaqgħu taħt ir-responsabiltà tas-Sindku. Iċ-Ċermen spjega li bħala Kunsill għandha ftehim ma' Focus Europe li dawn obbligati li meta ngħidulhom b'xi fondi li nistgħu napplikaw għalihom, dawn fid-dover li jieħdu hsieb l-applikazzjoni mill-bidu sal-aħħar. Iċ-Ċermen qal ukoll li Malta għandha s-SEM li dawn jgħinu ukoll biex isiru l-applikazzjonijiet għal-fondi mill-Unjoni Ewropea.

Il-Kunsillier Caruana ppropona li għandu jibda jsir live streaming tal-laqgħat fuq il-midja soċjali u s-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekkja dwar dan. Il-Kunsillier Caruana staqsa ukoll dwar l-iskema li Kunsilli oħra użaw sabiex jkollhom latrini pubbliċi. Ic-Ċermen spjega li f'laqgħa li kellu ftit ġimghat ilu ġie nfurmat li l-latrini pubbliċi fi ftit żmien oħra ser issiru *self-cleaning* u allura m'hemmx għalfejn napplikaw għal din l-iskema.

Fir-rigward il-bozoz maqtugħin ta' diversi toroq f'Paceville, s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-Kunsillier Caruana li ser tiċċekkja mal-kuntrattur dwar din il-problema. Filwaqt li dwar il-proġett taċ-ċnut f'Ta' Giorni, is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-Kunsill bl-aħħar żviluppi.

18.7.08 Il-Kunsillier Mario Amaira talab li jkun infurmat fuq meta ser jitwaħħlu l-bollards fit-toroq sabiex jiġu protetti l-bankini u c-Ċermen nfurmah li dawn ser ikunu qed jitwaħħlu dalwaqt. Fir-rigward l-għeluq ta' Triq il-Mensija ma' Triq Josef Calleja, c-Ċermen qal li din l-applikazzjoni għal triq ġdida qeda f'idejn il-Kunsill Lokali tas-Swieqi.

Dwar it-terrapien li kien twaddab fil-Wied ta' Għomor, c-Ċermen nforma lill-Kunsillier Amaira li din qed jaħdmu fuqha ir-Regjun Lvant. Il-Kunsillier Mario Amaira staqsa ukoll dwar ix-xogħolijiet ta' fuq il-bankina ta Triq Wied Għomor u ħdejn il-U Bistrot, peress li dawn jiżolqu u c-Ċermen nfurmah li din it-talba ntbagħtet lill-Public Works.

Dwar Xatt is-Sajjieda, c-Ċermen nfurmah li din il-materja qed tiġi diskussa mal-Pulizija u ippropona li dan ix-xogħol għandu jsir qabel il-festa. Fir-rigward il-parking bays li għandhom jitneħħew fi Triq il-Mensija, ġie nfurmat li għalissa ser jitneħħa parking bay wieħed bi prova. F'każ li dan ma jkunx biżżejjed għandhom jitneħħew oħrajn. Ic-Ċermen nforma lill-Kunsillier Amaira li l-hajt li jagħti fuq it-taraġ tas-Saddles ser jiġi rranġat mis-sidien tal-propjetà.

Il-Kunsillier Amaira talab li l-bini li hemm ħdejn ir-Rusty għandu jiġi rranġat mill-Heritage u għandha tinkiteb ittra lill-Kebab Factory sabiex jibdew jieħdu ħsieb it-taraġ li jinsab fil-parapett tagħhom. L-istess Kunsillier talab ukoll li għandha tiġi mnaddfa in-nieżla li tagħti għas-San Giuliano Restaurant u għandha ssir tabella biex ma jilgħabux bil-ballun fi xħin ikun hemm in-nies fuq il-Bajja tal-Balluta peress li hu perikoluż. Il-Pulizija tal-Komunità għandha tiġi nfurmata ukoll fuq din il-materja.

18.7.09 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jkellem lill-kuntrattur li għamel ix-xogħolijiet fi Triq il-Kulleġġ l-Antik u f'dawk l-inħawi peress li tħallew tabelli tal-one way li issa mhumiex tajbin u qed jħawwdu lis-sewwieqa.

**18.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets u Skeda tal-Pagamenti;**

18.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6546 sa' 6556 u l-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

18.8.02 Il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

18.8.03 Il-Kunsillier Rita Dimech Portelli ssekonda fl-approvazzjoni.

**18.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

18.9.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 13 t'Awwissu 2025 fl-4.00p.m.

18.9.02 Il-laqgħa ntemmet 9.00p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| **Guido Dalli**<br>**Ċermen** | **Cher Carmen Fenech**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Data: 13 t'Awwissu 2025**

Ivana – to speak to Patricia

To report to BCA il bini ta hdejn